(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata trid tagħmel xogħol fid-Dipartiment ta' l-Anestesija u tkun mistennija wkoll li tipprovdi kura lill-pazjenti fl-*Intensive Care Unit* .

5.2. Il-persuna nominata tkun mistennija li tagħmel kull *theatre list* u li turi interess speċjali f'*subspeciality* ta' l-Anestesija.

5.3. Il-persuna nominata tkun mistennija li turi inizjattiva u nnovazzjoni u li tuża metodi ta' *epidural analgesia* u ta' serħan mill-uġigħ wara l-operazzjonijiet.

5.4. Il-persuna nominata tkun mistennija li taħdem u li tieħu deċiżjoni waħedha fil-qasam kliniku.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior Registrar (Anaesthesia) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified Medical Practitioners for the posts of Senior Registrar (Anaesthesia) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (Anaesthesia) carries a salary of €19,528 (Lm8,383.37) per annum rising by annual increments of €640.50 (Lm274.97) up to a maximum of €23,371 (Lm10,033.17) (Salary Scale 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will perform duties in the Department of Anaesthesia and will be expected also to provide patient care in Intensive Care Unit .

5.2. The appointee will be expected to perform any theatre list and to show a special interest in an anaesthetic subspeciality.

5.3. The appointee will be expected to show initiative and innovation and to provide methods of epidural analgesia and post-operative pain relief.

5.4. The appointee will be expected to work and take decisions in the clinical field.

5.5. Il-persuna nominata tkun trid li tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.6. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.7. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' L-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u legiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-Anestesija (e.ż. FRCA jew kwalifika oħra komparabbli xierqa);

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà

5.5. The appointee will be expected to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates as required and to involve himself/herself in on-going research programmes.

5.6. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit.

5.7. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) be in possession of a higher postgraduate qualification in Anaesthesia (e.g. FRCA or other appropriate comparable qualification);

(e) be of good moral character (applicants who are already

qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-'Service and Leave Record Form' (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorita' kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. Hija r-responsabiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali*)* ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Frar 2008.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofs in-nhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali*)* ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Frar 2008 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill- applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-15 ta' Jannar, 2008

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

**Ingaġġ ta' *Casual Cleaners*
fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

Id-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) jgħarraf li qed jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni li jixtiequ li jitqiegħdu fuq lista uffiċjali ta' kandidati biex skond il-ħtieġa u l-bżonn jiġu kkunsidrati għall-impieg bħala *Cleaners* fuq bażi *Casual* f'din l-Iskola ta' l-Istat:

Junior Lyceum tal-Bniet Margaret Mortimer, Santa Luċija

2. L-ordni tal-mertu tinħoloq wara li l-applikanti eliġibbli

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 8th February 2008.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 8th February 2008 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

15th January, 2008

EDUCATION DIVISION

**Engagement of Casual Cleaners
in the Education Division**

The Director General Education Division notifies that applications are being accepted from interested persons who would like to be placed on an order of merit of successful applicants for engagement as a Casual Cleaner in the following State School, if and when the need arises:

Margaret Mortimer Girls' Junior Lyceum, Sta Luċija

2. The final order of merit will be published after all eligible

jiġu intervistati, biex jiġi stabbilit dwar kemm huma adatti għall-post ta' *Casual Cleaners*.

3. Ir-riżultat u l-ordni tal-mertu finali jibqa' validu għal perijodu ta' sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.

4. Kull ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mill-Gvern jew mill-*Casual Cleaners* f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ħtieġa li tingħata r-raġuni. L-ingaġġ ikun terminat xorta waħda għall-matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-sajf jew inkella matul parti minnu.

5. Il-kandidati li jintgħażlu jkunu normalment mistennija li jaħdmu minn tnejn sa tliet sigħat kuljum wara l-ħin ta' l-iskola. F'każ eċċezzjonali u dejjem fid-diskrezzjoni tal-Kap ta' l-Iskola, jistgħu jintalbu li jaħdmu matul il-ħinijiet ta' l-iskola.

6. Il-ħlas ikun bir-rata ta' €3.84 (Lm1.65,4) għal kull siegħa maħduma (rata ta' l-2007). Il-*Casual Cleaners* ikunu intitolati wkoll għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' sigħat maħduma.

7. *Casual Cleaners* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għal sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

8. Il-kandidati għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-U.E. dwar il-moviment ħieles tal-persuni; (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

applicants are interviewed to assess their suitability for the post of Casual Cleaner.

3. The order of merit will remain valid for a period of two (2) calendar years from the date of publication of the final result.

4. Any engagement made will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or by the Casual Cleaner at any time by giving a week's notice in writing without specifying any reason thereof. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the school summer holidays.

5. Selected candidates who are engaged will normally be expected to work after school hours from 2 to 3 hours per day. Exceptionally however they may be required to work during school hours at the discretion of the Head of School.

6. Remuneration will be at a rate of €3.84 (Lm1.65,4) for every hour worked (2007 rate). Casual Cleaners will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

7. Casual Cleaners will not be eligible to apply for any internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

8. Candidates must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply; (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-Kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjonijiet).

(d) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu maħruġa minn awtoritajiet pubbliċi kkonċernati. Applikanti li għalqu l-61 sena mhumiex eliġibbli li japplikaw.

9. (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office*.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10. Applikanti eliġibbli jridu joqogħdu għall-intervista mill-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' *Casual Cleaners*.

11. Kull min hu interessat jista' jiġbor applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Kunsill ta' l-iskola kkonċernata.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Frar, 2008.

13. Is-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku jagħti rċevuta għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn dak il-ħin stess.

14. Min jibgħat l-applikazzjoni bil-posta għandu jieħu ħsieb li jibgħatha kmieni biżżejjed biex tasal qabel il-ħin u d-data ffissati għall-għeluq ta' l- applikazzjonijiet. Tintbagħat irċevuta mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku, biex jikkonferma li l-applikazzjoni tkun waslet.

Il-15 ta' Jannar, 2008

(b) must have the ability to communicate in the Maltese language;

(c) be of good moral character (a Police Certificate of Conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications must be produced).

(d) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities). Applicants who are 61 years or over are not eligible to apply.

9. (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of school and copied to the NCPD.

10. Eligible applicants will be interviewed by the School Council to assess their suitability for the post.

11. Interested persons may collect application forms from the Office of the Secretary of the School Council of the school concerned.

12. Applications will be received in the first instance by the Council Secretary of the school by not later than noon of Friday, 8th February, 2008.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Secretary of the School Council at the time of delivery.

14. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Council's Secretary, within seven days.

15th January, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Care Worker*
fid-Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudenti
u Relazzjonijiet Internazzjonali
fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet biex jintlew postijiet ta' *Care Worker* fid-Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudenti u Relazzjonijiet Internazzjonali fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

2. Il-post ta' *Care Worker* għandu salarju ta' €9,998 (Lm4,292,14) fis-sena, li jiżdied b'€226 (Lm97.02) sa massimu ta' €11,580 (Lm4,971.29) (Skala ta' Salarju 16). Persuna fil-grad ta' *Care Worker* tipproċedi għal Skala 15 €10,487 (Lm4,502.07) x €298.17 (Lm128) - €12,276 (Lm5,270.09) wara li tagħlaq ħames snin servizz fil-grad, u tipproċedi għal Skala 14 €11,112 (Lm4,770.38) x €316.67 (Lm135.95) - €13,012 (Lm5,586.05) wara li tagħlaq ħames snin oħra fil-grad, fiż-żewġ każi soġġett għal servizz sodisfaċenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku Malti.

4. Id-dmirijiet ta' *Care Worker* jinkludu:

Turi lill-istudenti fl-Istituzzjonijiet Edukattivi kif jiżviluppaw f'saħħithom;

Tagħti pariri lill-amministrazzjoni ta' l-Iskejjel, lill-għalliema, ġenituri u studenti fuq aspetti varji ta' saħħa, mard u problemi simili;

Tagħti tagħrif dwar aspetti ta' saħħa lill-Iskejjel;

Tikkoordina t-tilqim tal-membri ta' l-Iskejjel Speċjali kontra l-Epatite B (fuq bażi volontarja);

Tagħti għajnuna medika lill-*Fever Unit* fil-każ ta' tfal li jkunu jixtiequ jagħmlu l-eżami għad-dħul fil-Junior Lyceums;

Twettaq programm ta' *Screening* għal qamel fit-tfal fl-Iskejjel Primarji;

Tispezzjona l-Iskejjel fuq *standards* sanitarji u tagħmel rakkomandazzjonijiet meħtieġa speċjalment fil-qasam tal-ħxuna fit-tfal fl-Iskejjel Sekondarji u l-kontroll tal-piż tal-basktijiet ta' l-iskola;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Care Worker
in the Department of Student Services
and International Relations
within the Education Division

The Public Service Commission invites applications for the filling of the posts of Care Worker in the Department of Student Services and International Relations within the Education Division.

2. The post of Care Worker carries a salary of €9,998 (Lm4,292.14) per annum, rising by annual increments of €226 (Lm 97.02) up to a maximum of €11,580 (Lm4,971.29) (Salary Scale 16). A Care Worker will be promoted to Salary Scale 15 €10,487 (Lm4,502.07) x €298.17 (Lm128) - €12,276 (Lm5,270.09) on completion of five years service in the grade and will further proceed to Salary Scale 14 €11,112 (Lm4,770.38) x €316.67 (Lm135.95) - €13,012 (Lm5,586.05) on completion of another five years service in the grade, in both cases subject to satisfactory performance.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis (office hours) and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service in general and the Education Division in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Care Worker include:

Promoting the healthy development of students in educational institutions.

Advising school administrators, teachers, parents and students on health aspects, diseases and problems.

Providing information regarding health issues to schools.

Co-ordinating the immunisation of the Staff of Special Schools against Hepatitis B (on a voluntary basis).

Giving clinical assistance to the "Fever Unit", in the cases of children, who are sitting for the Junior Lyceum Entrance Examination.

Carrying out Head Lice Screening Programme in Primary Schools.

Inspecting schools regarding health standards and making any necessary recommendations especially related to obesity screening i secondary schools and school bag weight control.

Tagħmel stħarriġ regolari u tirraporta dwar *clinics,* faċilitajiet ta' *first-aid* u *tuckshops* f'Istituzzjonijiet Edukattivi u tara li jitwettqu il-Programm u l-Inizjattivi tal-Health Lifestyle Plan;

Carry out regular surveys and reporting on clinics, first-aid facilities and tuckshops in educational institutions and implemenation of the Health Lifestyle Plan document and initiatives.

Torganizza u tieħu sehem f'korsijiet għall-istudenti u taħriġ *in-service* għall-għalliema u paramediċi li huma interessati f'affarijiet ta' saħħa;

Organising and participating in courses for students and in in-service training for teaching grades and para-medical staff, who are interested in health matters.

Isservi ta' kuntatt bejn id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni u d-Diviżjoni tas-Saħħa;

Liaising between the Education Division and the Health Division.

Toffri servizz telefoniku ta' pariri dwar saħħa lill-Kapijiet ta' l-Iskejjel, għalliema, ġenituri u oħrajn;

Offering a telephone advisory medical service to Heads of Schools, Teachers, parents, etc.

Twettaq attivitajiet oħra skond l-esiġenzi ta' l-Education Health Services Unit.

And participating in all the other activities as might be deemed necessary by the Education Health Services unit.

5.1 Sal-ħin u d-data ta l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) ċittadini ta' Malta;

(i) (a) citizens of Malta;

JEW

OR

(b) ċittadini ta' Stat iehor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) citizens of another European Union member state;

JEW

OR

(ċ) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw il-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

(c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

JEW

OR

(d) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a), (b) u (ċ) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

(d) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a), (b) and (c) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ) u (d) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c) and (d) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) ikollhom livell ta' edukazzjoni ta' GCE/SEC; jew

(iii) in possession of GCE/SEC standard of Education; or

ikunu temmew il-livell sekondarju ta' edukazzjoni (għandu jintwera ċertifikat ta' ħruġ mill-iskola rikonoxxut mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni); jew

have completed the secondary level of education (a school leaving certificate recognised by the Division of Education is to be produced); or

ikollhom il-Journeyman's Certificate jew kwalifika komparabbli f'xi sengħa;

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat sħiħ riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li jkunu midħla ta' *crafts* u snajja' u li jkollhom ix-xeħta kif jistgħu jikkomunikaw man-nies u jkunu kapaċi jibnu relazzjonijiet interpersonali.

6. L-applikanti magħżula jistgħu jkunu meħtieġa jattendu korsijiet ta' studju u taħriġ lokali u/jew barra minn Malta kif jista' jkun determinat mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3 Hija r-responsabiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition

be in possession of a Journeyman's certificate or a comparable Trade Qualification;

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent Full Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who are proficient in crafts and trades and who have an aptitude for inter-personal communication and skills in building relationships.

6. Selected applicants may be required to attend courses of study and training locally and abroad as may be determined by the Education Division.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta

Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppublikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

9.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitnizzlu minn dawn il-*websites:*

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
www.education.gov.mt

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Customer Care tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Frar 2008.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) tal-Ġimgħa, it-8 ta' Frar 2008 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid

Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Education Division.

9.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the publication of the notice in the Government Gazette.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
www.education.gov.mt

or obtained from the Customer Care Section of the Ministry of Education, Youth and Employment, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae (GP47) including qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director General at the Education Division, Ministry for Education, Youth and Employment, Great Siege Road, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 8th February 2008.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 8th February 2008 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Education Division by

tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-225630.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-15 ta' Jannar, 2008

not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-225630.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by Division within seven (7) days.

15th January, 2008

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġlu jimla vakanzi fil-*lecturing* biex jgħallmu s-suġġetti li ġejjin matul is-sena akkademika 2007/2008:

Accounts (Permess ta' l-ETC Nru 152/2007)
L-applikanti għandu jkollhom grad ta' B.A. (Hons.) fl-*Accountancy*.

Malti (Permess ta' l-ETC Nru 3/3008)
L-applikanti għandu jkollhom grad ta' B.Ed. (Hons.) bi speċjalizzazzjoni fil-Malti.

JEW

first degree bi speċjalizzazzjoni fil-Malti. Min jkollu l-PGCE jitqies bħala vantaġġ.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jimlew u jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST, flimkien mal-*history sheet* ta' l-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' l-Erbgħa, it-23 ta' Jannar, 2007.

Applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* jew mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Amministrazzjoni, Bini ta' l-Amministrazzjoni, Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Il-15 ta' Jannar, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit lecturing staff to teach the following subjects for the duration of the academic year 2007/2008:

Accounts (ETC Permit No. 152/2007)
Applicants should have a B.A. (Hons.) degree in Accountancy.

Maltese (ETC Permit No. 3/3008)
Applicants should have a B.Ed. (Hons.) degree with a specialization in Maltese

OR

a first degree specializing in Maltese. Possession of the PGCE will be considered an asset.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Wednesday, 23rd January 2008, at noon.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office, are to be addressed to The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Paola, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

15th January, 2008

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Postgraduate Training Grant
Dipartiment ta' l-Istudji Klassiċi u Arkeoloġija
INTERREG IIIB – MEDOCC Programme

L-Università qed tmexxi proġett ta' l-Archeomed li jaqa' taħt il-programm tal-Interreg IIIB Medocc. Dan il-proġett li l-fondi tiegħu huma parzjalment ipprovduti mill-EU għandu x'jaqsam mal-wirt ta' l-arkeoloġiku marittimu tal-Mediterran tal-Punent. Dan il-proġett jispiċċa f'Ġunju ta' l-2008.

2. L-applikanti jrid ikollhom grad tajjeb fl-Arkeoloġija u preferibbilment *degree* fil-*postgraduate* fl-arkeoloġija u esperjenza fil-qasam ta' l-arkeoloġija marittima/taħt il-baħar. Preferibbilment irid ikollhom esperjenza fid-*database* u studji fl-*amphora*. Tagħrif fix-xoghol f'waħda jew iżjed minn dawn il-lingwi: Taljan, Spanjol u Franċiz.

3. Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta' €8,386 (Lm3,600) fis-sena.

4. Il-kandidati għandħom jibgħatu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati lil:-

Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani
Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, il-21 ta' Jannar, 2008.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

Il-15 ta' Jannar, 2008

UNIVERSITY OF MALTA

Postgraduate Training Grant
Department of Classics and Archeology
INTERREG IIIB – MEDOCC Programme

The University is currently running the Archeomed project under the Interreg IIIB Medocc Programme. This is a partly EU-funded project dealing with the maritime archeological heritage of the Western Mediterranean. This duration of this project is till the end of June 2008.

2. Applicants should have a good first degree in Archaeology and preferably a postgraduate degree in archeology and experience in the field of maritime/ underwater archeology. Preferably should have experience in databases and amphora studies. Working knowledge of one or more of the following languages: Italian, Spanish and French.

3. The post carries a training grant of €8,386 (Lm3,600) per year.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates to:-

Office for Human Resources Management and Development
Room 216, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Monday, 21st January, 2008.

Late applications will not be considered

5. Further information may be obtained from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or on the website http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

15th January, 2008

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' ***Assistant Technician***
Ġonna Botanċi ta' l-Argotti
Interreg IIIC – SEMICLIMED

Il-Ġonna Botanċi ta' l-Argotti fl-Unviersità jeħtieġ is-sevizz ta' *Assistant Technician* biex jaħdem/taħdem fil-proġett Interreg IIIC – SEMICLIMED li huwa dwar l-impatt tal-bidla li għandha l-klima fuq l-iżvilupp taż-żerriegħa. Dan il-proġett huwa sa' l-aħħar ta' Marzu 2008.

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Assistant Technician
Argotti Botanic Gardens
Interreg IIIC - SEMICLIMED

The Argotti Botanic Gardens at the University requires the services of an Assistant Technician to work on the the Interreg IIIC – SEMICLIMED project dealing with the impact of climate change on seed germination. The duration of this post is till the end of March 2008.

2. Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol, li jinkludi kundizzjonijiet u eliġibilità jinsabu fil-*Further Information Sheet* li tinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani.

3. Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta' €5.24 (Lm2.25) fis-siegħa.

4. Il-kandidati għandħom jibgħatu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati lil:-

Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani

Kamru 216, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, il-21 ta' Jannar, 2008.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website:* http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

Il-15 ta' Jannar, 2008

2. Full job description, including conditions for eligibility are contained in the Further Information Sheet obtainable from the Office of Human Resources.

3. The post carries a salary of €5.24 (Lm2.25) per hour.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates:

Office for Human Resources Management and Development
Room 216, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Monday 21st January, 2008.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or on the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html

15th January, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Risk Analysis Coordinator* fl-Aġenzija tal-Pagamenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Risk Analysis Coordinator* fl-Aġenzija tal-Pagamenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2.1. Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Risk Analysis Coordinator* fl-Aġenzija tal-Pagamenti, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Risk Analysis Coordinator* matul il-perjodu tal-kuntratt, ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Risk Analysis Coordinator in the Paying Agency within the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the positions of Risk Analysis Coordinator in the Paying Agency within the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2.1. The selected candidate will enter into a three-year contract as Risk Analysis Coordinator in the Paying Agency within the Ministry for Rural Affairs and the Environment. Unsatisfactory performance as Risk Analysis Coordinator during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer with a substantive grade in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on termination of contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service,

ta' Malta, l-impjieg tagħha mal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi terminat il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perijodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Risk Analysis Coordinator* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' għal aktar minn Skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 7 (€17,110) (Lm7,345.32) fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €531.00 (Lm227.96) sa massimu ta' €20,296 (Lm8,713.07)). Għall-fini ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*, f'każ li l-persuna tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4.1. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Risk Analysis Coordinator* fl-Aġenzija tal-Pagamenti jinkludu:

(a) li tikkoordina u timmaniġġja l-proċess ta' analiżi tar-riskju għas-selezzjoni ta' talbiet għall-pagamenti minn bdiewa taħt il-Politika Agrikola Komuni b'rigward ta' l-EAGF biex ikunu suġġetti għal kontrolli fuq il-post kif rikjest minn Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2419/2001, emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 118/2004;

(b) li tistabbilixxi l-kriterji għas-selezzjoni sabiex ikun possibbli t-*targeting* ta' kontrolli fiżiċi fuq ħbula ta' art agrikola u/jew irziezet li jippreżentaw l-ikbar riskju, u fejn neċessarju taħdem mill-qrib mal-*Head* ta' l-Aġenzija tal-Pagamenti jew ir-rappreżentattiv tiegħu/tagħha għas-selezzjoni ta' dawn il-kriterji;

(ċ) li tidentifika elementi ta' riskju, u twettaq kalkoli kwantitattivi u kwalitattivi ta' dawn l-elementi sabiex jiġu stabbiliti kriterji għas-selezzjoni affidabbli u relevanti;

(d) li tidentifika, bl-aħjar żvilupp strateġiku, teknoloġija ta' l-informatika relatata ma' l-immaniġġjar effiċjenti ta' analiżi tar-riskju, u li jaħdem mill-qrib ma' l-entita` responsabbli għall-iżvilupp tas-*software*;

(e) li twettaq l-eżekuzzjoni proprja tal-proċedura ta' l-analiżi tar-riskju, kif maħdum fi stadji differenti, kif u meta

his/her employment with the Ministry for Rural Affairs and the Environment as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, and during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Risk Analysis Coordinator and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3. The salary attached to the position of Risk Analysis Coordinator is equivalent to Salary Scale 7 (€17,110 (Lm7345.32) per annum rising by annual increments of €531.00 (Lm227.96) up to a maximum of €20,296 (Lm8713.07)). For the purpose of the Pensions Ordinance (Cap. 93), the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of the substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance, in case the selected applicant is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service.

4.1. The duties of Risk Analysis Coordinator in the Paying Agency include:

(a) coordinating and managing the risk analysis process for the selection of payment claims by farmers under the Common Agricultural Policy regarding the EAGF to be subjected to on-the-spot checks as required by Article 19 of the Commission Regulation (EC) No. 2419/2001, amended by Commission Regulation (EC) No. 118/2004;

(b) setting out the selection criteria in order to enable the targeting of physical checks on agricultural parcels and/or farms presenting greatest risk, and where necessary liaising with the Head of the Paying Agency or his/her representative for the selection of such criteria;

(c) identifying risk elements, and carrying out the quantitative and qualitative assessment of these elements in order to establish reliable and relevant selection criteria;

(d) identifying, vis-a`-vis the best strategy development, information technology related to the efficient management of the risk analysis, and liaising with the body responsible for the development of the software;

(e) performing the actual execution of the risk analysis procedure, carried out in different stages, as and when

rikjest mis-sekwenza tal-proċess għall-immaniġġjar u kontroll ta' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għal skemi ta' pagamenti li jikkonċernaw l-iskema ta' l-EAGF –u skemi oħra.

4.2. Lista kompleta tad-dmirijiet li huma konnessi ma' din il-pożizzjoni tista' tinkiseb mingħand id-Direttur (Servizzi Korporattivi), Taqsima tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 173, Triq San Kristofru, Valletta.

5. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta;

JEW

(b) ċittadini ta' Stat iehor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(ċ) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjizi li għalihom japplikaw il-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(d) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a), (b) u (ċ) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ) u (d) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) (a) ikollhom *postgraduate degree* (i.e. Masters) rikonoxxuta jew kwalifika xierqa rikonoxxuta komparabbli fil-*Business Administration, Accountancy, Economics, European Studies* jew oqsma relatati oħra, u mill-inqas sena esperjenza ta' xogħol f'materji ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(b) ikollhom *first degree* relevanti rikonoxxuta jew kwalifika xierqa rikonoxxuta komparabbli fil-*Business Administration, Accountancy, Economics, European Studies* jew oqsma relatati oħra, u mill-inqas tliet snin esperjenza ta' xogħol f'materji ta' l-Unjoni Ewropea; jew

required by the sequence of the process for the management and control of aid, applications for payment schemes concerning the EAGF–and other Schemes.

4.2. A complete Position description appertaining to this position can be obtained from the Department of Corporate Services, Human Resources Section, 173, Triq San Kristofru, Valletta.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta;

OR

(b) citizens of another European Union member state;

OR

(c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(d) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a), (b) and (c) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (b), (c) and (d) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) (a) in possession of a recognised postgraduate degree, i.e. Masters, or a recognised appropriate comparable qualification, in Business Administration, Accountancy, Economics, European Studies or a related area of study, and at least one year work experience in EU matters; or

(b) in possession of a first degree, or a recognised appropriate comparable qualification, in Business Administration, Accountancy, Economics, European Studies or a related area of study, and at least three years work experience in EU matters; or

(ċ) Uffiċjali Pubbliċi** fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fi skala ta' salarju mhux inqas minn Skala 10 u mill-inqas sitt snin esperjenza ta' xogħol f'materja ta' l-Unjoni Ewropea.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġa' qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li għandhom *track record* maniġerjali tajjeb (u li ta' dan iridu juru evidenza li laħqu l-miri tagħhom b'suċċess f'pożizzjonijiet preċedenti), u li għandhom esperjenza relevanti.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn bdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkuppjata lill-KNPD.

8. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li m'għandhomx/għandhom grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:-http://www.mpo.gov.mt

9.1. L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

9.2. Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-

(c) Public Officers** in the Malta Public Service in a salary scale not below Scale 10 with at least six years work experience in EU matters.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6. Due consideration will be given to applicants who have a good track record in management and produce evidence of having been achievement-oriented in previous positions and who have relevant experience.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

8. On engagement, a selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive grade in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address:- http://www.mpo.gov.mt.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-

notice-board ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-website tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-*iscanner* huma aċċettabbli.

10.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

10.3 Hija r-responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-kaz, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

12. ll-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti elettroniċi:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, 173, Triq San Kristofru, Valletta.

board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the publication of the notice in the Government Gazette.

10.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

10.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

10.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

11. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, Human Resources Section, 173, St Christopher Street, Valletta.

13. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 173, Triq San Kristofru, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Frar 2008.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) tal-Ġimgħa, 8 ta' Frar 2008 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 2299 1161.

15. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn sad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

** Persuni fuq kuntratt definit ta' impjieg definit li jaqgħu taht AL 51/2007, imma mhux dawk li jaqgħu that Regolament 3(2) ta' l-istess AL, huma eliġibbli li japplikaw.

Il-15 ta' Jannar, 200

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI
U L-AMBJENT

Riżultat ta' l-Intervisti għall-Postijiet
ta' *Scientific Officer*
fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali
u l-Ambjent

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, jgħarraf illi r-riżultat ta' l-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fin-*notice-board* prinċipali fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 173, Triq San Kristofru, Valletta, u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-15 ta' Jannar, 2008

13. Applications, together with a curriculum vitae including qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director (Corporate Services) at the Ministry for Rural Affairs and the Environment, 173, Triq San Kristofru, Valletta, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 8th February 2008.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 8th February 2008 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 22991161.

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment within seven (7) days.

** Persons on a definite contract of employment who fall under LN 51.2007, but not those falling under Regulation 3(2) thereof are eligible to apply.

15th January, 2008

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS
AND THE ENVIRONMENT

Result of Interviews for the Posts
of Scientific Officer
within the Ministry for Rural Affairs
and the Environment

The Permanent Secretary, Ministry for Rural Affairs and the Environment, notifies that the result of the interviews for the abovementioned posts has been published and may be viewed on the main notice-board at the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 173, Triq San Kristofru, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

15th January, 2008

CENTRAL BANK OF MALTA

ASSETS AND LIABILITIES AS AT 30 NOVEMBER 2007

ASSETS	Lm	€
EXTERNAL ASSETS		
Gold and Other Precious Metals	**1,280,792**	2,983,443
International Monetary Fund	**36,105,824**	84,103,946
Convertible Currencies and Other Foreign Assets	**1,065,213,685**	2,481,280,421
	1,102,600,301	2,568,367,810
LOCAL INVESTMENTS		
Malta Govt. Securities	**96,449,398**	224,666,662
OTHER ASSETS	**60,332,719**	140,537,431
	1,259,382,418	2,933,571,903

LIABILITIES	Lm	Lm	€
CAPITAL AND RESERVES			
Capital		**5,000,000**	11,646,867
General Reserve Fund		**23,000,000**	53,575,588
Special Reserve Fund		**13,000,000**	30,281,854
Reserves for Risks and Contingencies		**44,995,000**	104,810,156
Reserve for Fair Value Adj		**(5,139,476)**	(11,971,758)
		80,855,524	188,342,707
CURRENCY ISSUED			
Notes	**330,992,588**		771,005,330
Coins	**20,259,280**		47,191,428
		351,251,868	818,196,758
DEPOSITS			
Government	**130,693,406**		304,433,743
Banks	**622,100,770**		1,449,104,985
Others	**28,716,146**		66,890,626
		781,510,322	1,820,429,354
OTHER LIABILITIES		**45,764,704**	106,603,084
		1,259,382,418	2,933,571,903

1. Proportion of total external assets to currency and deposit liabilities 97.34%
2. Net amount of foreign currency exchange sale contracts is Lm7,322,111.38 (€ 17,055,931.47)
3. The amount of foreign currency guarantees issued on behalf of customers is Lm5,222,057.70 (€ 12,164,122.29)
4. External assets increased by Lm241.2 million (€ 561.8 million) in November. This is attributable to the extension of the minimum Reserve Deposit Requirement..
5. The euro equivalent is being shown at the irrevocably fixed conversion rate of 0.4293 for information purposes only.

R. FILLETTI
FINANCIAL CONTROLLER

G. HUBER
DIRECTOR
FINANCE & BANKING

KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' L-ILMA

Lista ta' kuntratti mogħtija mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma matul il-perijodu bejn l-1 ta' Lulju, 2007 u l-31 ta' Diċembru, 2007.

Xogħol jew Provvista *Works or Supply*	Kuntrattur/Min Jieħu l-Offerta *Contractor/Supplier*
Supply of high pressure cleaning jetting-suction bowsers	SR Services Ltd
Strategic environmental assessment (S.E.A.) for the storm water master plan	AIS Environmental Ltd
15mm rotary piston potable cold water meters	AFS Ltd
Geotechnical investigations in connection with the Malta South Urban WWTP	Terracore Geo Services Ltd
Pressure rising main, Mġarr, Gozo	Hydrorocks Cont Co Ltd
Strainers for woltmann meters	AFS Ltd
Mini hydraulic excavator	UNEC Ltd.
Hire of backactor for Waste Water Unit	Vella Group Ltd
Supply of bills	Inserv Ltd
Equipment for desalination plants refurbishment - Lot 1 (Electromagnetic flow meters)	ETAS & S Ltd
Equipment for Des Plants refurbishment - Lot 3 (Butterfly valves)	ETAS & S Ltd
Equipment for Des Plants refurbishment - Lot 4 (SS actuator valves)	ETAS & S Ltd
Equipment for Des Plants refurbishment - Lot 10 (Electrical panels)	ETAS & S Ltd
Equipment for Des Plants refurbishment - Lot 2 (Stainless steel check valves)	Boffetti Impianti srl
Equipment for Des Plants refurbishment - Lot 6 (Clamp-on saddles)	Boffetti Impianti srl
Equipment for Des Plants refurbishment - Lots 5, 7 and 8 (PVC pipes, fittings, hoses and brackets)	AFS Ltd
Equipment for Des Plants refurbishment - Lot 9 (PVC valves)	Panta Marketing & Services Ltd
Plastic fittings for PE pipes	E. Hawle & Co.
Period contract for IT consumables	(i) Shanelty Ltd (ii) MB Distribution Ltd
Emptying of cesspits in farms	B Borg Group of Services
Emptying of cesspit at Baħrija	B Borg Group of Services
Check valves	(i) Panta Marketing & Services Ltd (ii) Engineering & Technology Ltd
Vibratory asphalt/soil compactor	S. Guillaumier & Co. Ltd
Detectable warning tape	Ragonesi & Co Ltd
Hire of six 2-cab pick-up vans	Burmarrad Commercials Ltd
Non-rewindable submersible pump motors	AFS Ltd
Biometric hand readers	Dakar Software Systems
Surveying and maintenance of submarine pipelines	Alldive Ltd
Provision of legal services for WSC	Ganado Sammut Advocates
Below ground gunmetal stopcocks	Conti Rubinetterie SAS

WATER SERVICES CORPORATION

List of contracts awarded by the Water Services Corporation during the period between 1st July, 2007 and 31st December, 2007.

Couplings and flange adaptors (period contract)	(i) Idro Gas Engineering Europa (ii) Belgicast International SL
Cleaning of sewers in Malta/Gozo	Clearway Drains Services Ltd
Analytical testing of groundwater samples	CE. FI. T SrL
SDI pads	Tua Engineering Ltd
Repair clamps	Viking Johnson
Emptying of Baħrija cesspit	B Borg Group of Services
20mm swivel ferrules	Atlantic Plastics Ltd.
Quality assurance services for pipe networks infrastructure	Solidbase Laboratory Ltd.
Drill taps	Pipeline Technology Ltd
Analytical testing of wastewater samples (crude sewage)	(i) CE. FI. T SrL (ii) Progetto Natura (iii) Cada snc
Supply of 5 new suction bowsers	UNEC Ltd
Laboratory equipment	(i) Scientech Ltd (ii) Technoline Ltd (iii) Chemic Ltd
Liquid chlorine for reverse osmosis plants	Alichem Ltd
Cast iron manhole covers and frames 900mm x 600mm	Anton Zarb
Business reply envelopes	Inserv Ltd
Poloshirts	JBC Mfg & Import

Il-15 ta' Jannar, 2008

15th January, 2008

KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' L-ILMA

Lista ta' Differenzi mogħtija mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma matul il-perijodu bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru, 2007.

WATER SERVICES CORPORATION

List of Variations awarded by the Water Services Corporation during the period between 1st July and 31st December, 2007.

Data *Date*	Dettalji tal-Kuntratt *Details of Contract*	Valur Oriġinali tal-Kuntratt *Original Contract Value*	Valur ta' l-Aħħar tal-Kuntratt *Final Contract Value*
01.10.07	Sewer main at Valletta Road, Żurrieq	€67,527.84 (Lm28,989.70)	€86,450.45 (Lm37,113.18)
23.11.07	Sewer works at Triq Santa Katarina, Għargħur	€66,484.74 (Lm28,541.90)	€96,084.56 (Lm41,249.10)

Il-15 ta' Jannar, 2008

15th January, 2008

KUNSILL LOKALI XEWKIJA

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija jgħarraf li nhar is-Sibt, 2 ta' Frar, 2008 bejn is-2.30 p.m u l-11.00 p.m. se ssir attività tal-Karnival. Għalhekk Triq Rotunda, Triq Ġużè D'Amato, Triq San Bert, Triq Indipendenza, Triq Zakkarija, Triq il-Knisja u Pjazza San Ġwann Battista se jkunu magħluqa għat-Traffiku. Il-Ħadd, 3 ta' Frar 2008 se ssir attività oħra tal-Karnival fi Triq Ħamrija u għalhekk l-istess triq se tkun magħluqa għat-traffiku mid-9.30 a.m. sas-1.30 p.m.

Il-15 ta' Jannar, 2008

XEWKIJA LOCAL COUNCIL

The Xewkija Local Council notifies that Carnival Activites will be organized on Saturday 2nd February, 2008 between 2.30 p.m and 11.00 p.m. Therefore Triq Rotunda, Triq Ġużè D'Amato, Triq San Bert, Triq Indipendenza, Triq Zakkarija, Triq il-Knisja u Pjazza San Ġwann Battista will be closed to traffic. On Sunday 3rd February 2008 another Carnival activity will be held at Triq Ħamrija and therefore will be closed to traffic between 9.30 a.m. to 1.30 p.m.

15th January, 2008

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-22 ta' Jannar, 2008, għal:

CT 407/2007. Servizzi ta' tindif għas-siti kollha tal-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija - Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' €93.18 (Lm40) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-28 ta' Novembru 2007.

CT 409/2007. Provvista ta' *pullovers* ċelesti - Dipartiment tal-Pulizija ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €11.65 (Lm5) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 410/2007. Xogħlijiet ta' madum, granit u irħam fl-Iskola Sekondarja tas-Subien l-ġdida, Verdala, Bormla – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' €116.47 (Lm50) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-24 ta' Jannar, 2008, għal:

CT 403/2007. Studji u servizzi ta' mmaniġġar tal-proġett biex titwaqqaf entità biex tirrispondi għat-tixrid taż-żejt għall-protezzjoni ta' l-ibħra Maltin – Awtorità Maritima ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €116.47 (Lm50) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment taħt l-EEA Grants 2007-2009.

(*Budget* Allokat: €220,002.51 (Lm94,446.00) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' Novembru 2007.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-28 ta' Jannar, 2008, għal:

CT 408/2007. Provvista ta' *heavy vehicle equipment training simulator* għall-operaturi u sewwieqa tal-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija - Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' €116.47 (Lm50) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* Allokat: €721,449.00 (Lm309,718.00) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' Diċembru 2007.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following Advt.isements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 22nd January, 2008, for:

CT 407/2007. Cleaning services for all Malta College of Arts, Science and Technology sites - Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of €93.18 (Lm40) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 28th November 2007.

CT 409/2007. Supply of blue pullovers - Malta Police Department. A fee of €11.65 (Lm5) will be charged for each copy of tender document.

CT 410/2007. Tiling, granite and marble works at the new Boys' Secondary School, Verdala, Cospicua – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of €116.47 (Lm50) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 24th January, 2008, for:

CT 403/2007. Studies and project management services for the setting up of an oil spill response capability for the protection of Malta's seas – Malta Maritime Authority. A fee of €116.47 (Lm50) will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed under the EEA Grants 2007-2009.

(Allocated Budget: €220,002.51 (Lm94,446.00) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd November 2007.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 28th January, 2008, for:

CT 408/2007. Supply of a heavy vehicle equipment training simulator for operators and drivers at Malta College of Arts, Science and Technology - Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of €116.47 (Lm50) will be charged for each copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Regional Development Fund (ERDF) - Investing in Your Future.

(Allocated Budget: €721,449.00 (Lm309,718.00) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 3rd December 2007.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għal informazzjoni ta' kulħadd illi din is-sejħa għal offerti qiegħda tiġi kkanċellata.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-31 ta' Jannar, 2008, għal:

CT 384/2007. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-Proġett tal-Villaġġ tas-Snajja' f'Ta' Qali - Ministeru għall-Iżvilupp Urbani u Toroq. Irid jitħallas dritt ta' €465.88 (Lm200) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Novembru 2007.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-5 ta' Frar, 2008, għal:

CT/A/9/2007. Xiri ta' *fork lifter, truck, sweeper* u kompressur ta' l-arja għall-faċilitajiet ta' *dry standing* fil-Kavallerizza, Marsaxlokk – Diviżjoni ta' l-Affarijiet Veterinarji u Sajd. Kopja tad-dokument ta' l-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.maltafisheries.gov.mt/news.asp

Dan huwa *Service Notice* taħt *Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm tal-Fondi Strutturali Ewropej għal Malta 2004-2006.

(*Budget* Stimat: €63,359.68 (Lm27,200.00) mingħajr V.A.T.).

CT 411/2007. Xogħlijiet ta' rinforzar fid-Diviżjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja. Irid jitħallas dritt ta' €116.47 (Lm50) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-14 ta' Frar, 2008, għal:

CT 412/2007. *Enhancement of Occupational Skills of Support Staff* fl-Isptar San Luqa - Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura tal-Komunità

Dan huwa *Services Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm tal-Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006.

(*Budget* Allokat: €66,100.75 (Lm28,376.73) mingħajr V.A.T.).

CT 413/2007. Provvista u stallazzjoni ta' *turf* artifiċjali *(FIFA 2 Star Recommended System)* fil-*playground* tal-Mellieħa - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' €81.53 (Lm35) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-19 ta' Frar, 2008, għal:

CT/A/1/2008. *Malta South Sewage Transmission gallery* mill-Kalkara sa Ta' Baskat, limiti tax-Xgħajra - Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Kopja tad-dokument ta' l-offerta jista' jitniżżel mill-*website* http://www.wsc.com.mt

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender*

The Director General (Contracts) notifies for general information that this call for tenders is being cancelled.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 31st January, 2008, for:

CT 384/2007. Construction works at the Ta' Qali Crafts Village Project - Ministry for Urban Development and Roads. A fee of €465.88 (Lm200) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 5th November 2007.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 5th February, 2008, for:

CT/A/9/2007. Procurement and delivery of a fork lifter, truck, sweeper and air compressor for the dry standing facilities at Kavallerizza, Marsaxlokk – Veterinary Affairs and Fisheries Division. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.maltafisheries.gov.mt/news.asp

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006.

(Estimated Budget: €63,359.68 (Lm27,200.00) excluding V.A.T.).

CT 411/2007. Reinforcement works at the Courts of Justice Division. A fee of €116.47 (Lm50) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 14th February, 2008, for:

CT 412/2007. Enhancement of Occupational Skills of Support Staff at St Luke's Hospital - Ministry for Health, Elderly and Community Care.

This is a Services Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006.

(Allocated Budget: €66,100.75 (Lm28,376.73) excluding V.A.T.).

CT 413/2007. Supply and installation of artificial turf (FIFA 2 Star Recommended System) at the Mellieħa playground - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of €81.53 (Lm35) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 19th February, 2008, for:

CT/A/1/2008. Malta South Sewage Transmission gallery from Kalkara to Ta' Baskat, limits of Xgħajra - Water Services Corporation. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.wsc.com.mt

This is a Works Notice under the Local Open Tender

Procedure. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, ERDF - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* Allokat: €2,318,891.22 (Lm995,488.63) mingħajr V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-28 ta' Frar, 2008, għal:

CT 1/2008. Preparazzjoni ta' *Master Plan* għaċ-Ċittadella, il-belt fortifikata l-antika fil-gżira ta' Għawdex, Malta - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' €115 (Lm49.37) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta ko-finanzjata mill-EEA: l-Islanda, Liechtenstein u n-Norveġja.

(*Budget* Allokat: €300,000.00 (Lm128,788.53) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' Jannar 2008.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-4 ta' Marzu, 2008, għal:

CT 2/2008. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' konkos tat-tip *ready mix* għal użu ġenerali u marittimu f'Malta (2008/2009) (Reġjuni tat-Tramuntana u Nofsinhar) lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' Jannar 2008.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-11 ta' Marzu, 2008, għal:

*CT 3/2008. Xogħlijiet ċivili fil-Villaġġ tas-Snajja' f'Ta' Qali - Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' €460 (Lm197.48) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* Allokat: €11,297,452.00 (Lm4,849,940.76) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-10 ta' Jannar 2008.

*CT 4/2008. Servizzi ta' maniġġjar ta' bini għall-kostruzzjoni mill-ġdid tal-*Bypass* ta' Wied il-Għajn, Wied il-Għajn/Ħaż-Żabbar - Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' €116 (Lm49.80) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* Allokat: €232,940.00 (Lm100,000.00) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-11 ta' Jannar 2008.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Procedure. This tender is partially funded under the European Regional Development Fund - Investing in Your Future.

(Estimated Budget: €2,318,891.22 (Lm995,488.63) excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 28th February, 2008, for:

CT 1/2008. Preparation of a Master Plan for the Cittadella - the old fortified city on the island of Gozo, Malta - Ministry for Gozo. A fee of €115 (Lm49.37) will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is co-financed by the EEA: Iceland, Liechtenstein and Norway.

(Allocated Budget: €300,000.00 (Lm128,788.53) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 3rd January 2008.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 4th March, 2008, for:

CT 2/2008. Period contract for the supply of ready mix concrete for general and maritime use in Malta (2008/2009) (North and South Region) to the Procurement Section of the Contracts Department.

The EU Contract Notice was dispatched on 9th January 2008.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 11th March, 2008, for:

*CT 3/2008. Civil works at Ta' Qali Crafts Village, Ta' Qali - Roads Directorate. A fee of €460 (Lm197.48) will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Regional Development Fund - Investing in Your Future.

(Allocated Budget: €11,297,452.00 (Lm4,849,940.76) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 10th January 2008.

*CT 4/2008. Construction management services for the reconstruction of Marsaskala Bypass, Marsaskala/Żabbar - Roads Directorate. A fee of €116 (Lm49.80) will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Regional Development Fund - Investing in Your Future.

(Allocated Budget: €232,940.00 (Lm100,000.00) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 11th January 2008.

*Advertisements appearing for the first time

